31999R2483



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2483/1999
## tal-25 ta' Novembru 1999
## li jnaqqas mill-limitu kwantittativ fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti tessili li jappartjenu għall-kategorija 4 li jkunu ġejjin mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ammont korrispondenti għal dak importat ġewwa l-Komunità Ewropea b'ċirkonvenzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fuq il-kummerċ tal-prodotti tessili MFA

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 t' Ottubru 1993 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tessili minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1072/1999 [2], u b'mod partikolari b'Artikolu 15 tiegħu fl-imkien ma' Artikolu 17 tiegħu,

(1) Billi l-istħarriġ u l-verifikazzjonijiet ulterjuri, li saru kemm fil-Komunità kif ukoll banda oħra bil-għajnuna ta' l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, skond il-proċeduri stabbiliti f'Anness IV tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93 wasslu lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li 5 408 295 biċċa ta' prodotti tessili li jaqgħu fil-kategorija 4 (*T-shirts*) ġew importati fil-Komunità Ewropea b'cirkonvenzjoni għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93 fis-snin 1995 u 1996 billi fil-fatt hemm xiehda li turi li dawn inħarġu fiżikament mit-territorju tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina qabel ma ġew importati fil-Komunità Ewropea bla ma l-oriġini Ċiniża tagħhom ġiet iddikjarata jew permezz ta' dikjarazzjonijiet ta'l-oriġini foloz;

(2) Billi ntalbu u saru konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni u jiġi stabilit, fuq il-bażi b'mod partikolari tax-xhieda dokumentata mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea, il-vera oriġini tal-prodotti kkonċernati u jintlaħaq ftehim ta' aġġustament ekwivalenti għal-limitu kwantittativ applikabbli għall-esportazzjoni tal-kategorija kkonċernata lejn il-Komunità Ewropea mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina;

(3) Billi fis-6 ta' Lulju 1999 intlaħaq ftehim dwar l-aġġustament li għandu jsir u li huwa meqjus li jwassal għal soluzzjoni sodisfaċenti fis-sens ta' Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93 billi jsir tnaqqis ta' żewġ rati, ta' waħda kull sena, ta' oġġetti li jammontaw għal 5 408 295 biċċa tal-kategorija 4;

(4) Billi l-ewwel aġġustament għandu jsir fuq il-limitu kwantittativ stabbilit għas-s-sena ta' kwota 1999 permezz tal-ftehim bilaterali kurrenti fuq kummerċ fit-tessuti u l-oġġetti ta'l-ilbies li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 1999;

(5) Billi aktar tnaqqis għandu jsir fil-limitu kwantittativ applikabbli għas-sena ta' kwota 2000;

(6) Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jaqblu ma'l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tessuti mwaqqaf bir-Regolament (KEE) Nru 3030/93,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-limitu kwantittativ iffissat għall-importazzjonijiet tal-prodotti tal-kategorija 4 għall-1999 f'Anness III tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kummerċ ta' prodotti tessili, kif emendat l-aħħar bi Ftehim fil-forma ta' Bdil ta' Ittri ffirmati fl-20 ta' Novembru 1998 [3], huwa mnaqqas bl-ammont ta' 2 704 147 biċċa.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 25 Novembru 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Pascal LAMY

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 275, tat-8.11.1993, p. 1.
[2] ĠU L 134, tat-28.5.1999, p. 1.
[3] ĠU L 12, tas-16.1.1999, p. 27.